**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 09 ta' Lulju, 2024**

**Rikors Nru: 1283/2023 AF**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 1384/2023 fl-ismijiet:

**EFX Condominum Services Limited (C-46349)**

**vs**

**JK Services Limited (C-100041) fil-kapacità taghha ta' bhala amministratur ta' Fort Cambridge E.C.A. Association**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' JK Services Limited li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija din il-Qorti ntalbet tirrevoka mandat ta' sekwestru kawtelatorju limitatament sa fejn jolqotha *proprio* filwaqt li jinzamm ferm kif jolqot lil E.C.A. Association, liema mandat gie mahrug minn EFX Condominium Services Limited biex din tal-ahhar tqieghed fis-sod pretensjoni taghha ghall-hlas dovut lilha ghal servizzi ta' amministrazzjoni, manutenzjoni u tindif rezi lil E.C.A. Association.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta ta' EFX Condominium Services Limited.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li thalla sabiex jigi degretat *in camera*.

Ikkunsidrat illi s-socjetà sekwestrata issejjes it-talba taghha fuq l-Art. 836(1)(f) li testwalment jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju:

> *"jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Hija ssostni illi galadarba l-pretensjoni tas-socjetà sekwestranti giet dedotta fi proceduri arbitrali kontra JK Services Limited "*as administrator of Fort Cambridge E.C.A. Association*" u mhux kontra JK Services Limited *proprio*, ghandhom jinzammu biss fondi ta' E.C.A. Association biss u mhux ta' JK Services Limited stess.

Fil-fehma ponderata ta' din il-Qorti, sabiex il-Qorti tasal ghad-distinzjoni kif qed tigi mitluba, ikun jehtieg skrutinju li zgur imur oltre mill-parametri permessi fil-proceduri odjerni, li, min-natura taghhom, huma essenzjalment limitati ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn. Il-qies tar-responsabbilità li l-Art. 17 tal-Kap. 398 tal-Ligijiet ta' Malta iqieghed fuq l-amministratur tal-

kondominju fil-kaz odjern ser jigi trattat u deciz fil-proceduri arbitrali pendenti.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba kontenuta fir-rikors ta' JK Services Limited.

L-ispejjez jithallsu minn JK Services Limited.

IMHALLEF